



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

21 ta' Mejju 2015\*

“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Disinni Komunitarji rreġistrati li jirrappreżentaw umbrel — Raġuni għal invalidità — Żvelar tad-disinn preċedenti — Disinn preċedenti kkostitwit minn privattiv Amerikan — Ċirkli speċjalizzati tas-setturi ikkonċernat — Utent informat — Grad ta’ attenzjoni tal-utent informat — Prodotti tal-modu — Grad ta’ libertà tad-disinjatur — Karattru individwali — Impressjoni ġenerali differenti — Talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità”

Fil-Kawżi magħquda T-22/13 u T-23/13,

**Senz Technologies BV**, stabbilita f'Delft (il-Pajjiżi l-Baxxi), irrappreżentata inizjalment minn W. Hoyng u C. Zeri, sussegwentement minn W. Hoyng u I. de Bruijn, avukati,

rikorrenti,

vs

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)**, irrappreżentat inizjalment minn F. Mattina, sussegwentement minn A. Folliard-Monguinal, bħala aġenti,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral, hija

**Impliva BV**, stabbilita f'Mijdrecht (il-Pajjiżi l-Baxxi), irrappreżentata minn C. Gielen u A. Verschuur, avukati,

li għandhom bħala suġġett żewġ rikorsi ppreżentati kontra żewġ deċiżjonijiet tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta’ Settembru 2012 (Każijiet R 2453/2010-3 u R 2459/2010-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Impliva BV u Senz Technologies BV,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn A. Dittrich (Relatur), President, J. Schwarcz u V. Tomljenović, Imħallfin,

Reġistratur: J. Weychert, Amministratur,

wara li rat ir-rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġeneral fis-16 ta’ Jannar 2013,

wara li rat ir-risposti tal-UASI ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġeneral fit-30 ta’ April 2013,

\* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ĝeneralis fid-19 ta' April 2013,

wara li rat ir-repliki ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ĝeneralis fit-22 ta' Lulju 2013,

wara li rat il-kontrorepliki tal-UASI ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ĝeneralis fil-11 ta' Novembru 2013,

wara li rat id-digriet tat-2 ta' Ottubru 2014 li jgħaqqad il-Kawżi T-22/13 u T-23/13 għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza,

wara s-seduta tas-27 ta' Novembru 2014,

tagħti l-preżenti

### **Sentenza<sup>1</sup> [omissis]**

#### **It-talbiet tal-partijiet**

13 Fir-rikorsi, ir-rikorrenti titlob, kemm fil-Kawża T-22/13 kif ukoll fil-Kawża T-23/13, li l-Qorti Ĝeneralis jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjonijiet ikkонтestati;
- tilqa' l-argumenti mressqa quddiemha u tiddikjara li r-reġistrazzjoni tad-disinni kkontestati hija valida;
- tikkundanna lill-UASI jbatisi l-ispejjeż tiegħu u tikkundanna lill-intervenjenti, fil-każ li hija tintervjeni, tbat is-pejjeż tagħha u dawk tar-rikorrenti.

14 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti rtirat, kemm fil-Kawża T-22/13 kif ukoll fil-Kawża T-23/13, it-tieni talba tagħha, li permezz tagħha talbet lill-Qorti Ĝeneralis tiddikjara li r-reġistrazzjoni tad-disinn ikkонтestat hija valida.

15 L-UASI jitlob, kemm fil-Kawża T-22/13 kif ukoll fil-Kawża T-23/13, li l-Qorti Ĝeneralis jogħġobha:

- tiċħad ir-rikorsi;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

16 Fir-risposta tagħha, l-intervenjenti titlob, kemm fil-Kawża T-22/13 kif ukoll fil-Kawża T-23/13, li l-Qorti Ĝeneralis jogħġobha:

- tiċħad ir-rikorsi kollha kemm huma jew, sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem l-UASI, jew iktar sussidjarjament, tiddikjara l-invalidità tar-reġistrazzjoni tad-disinni kkontestati;
- tikkundanna lir-rikorrenti tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk li hija sostniet, inklużi dawk sostnuti għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

17 Waqt is-seduta, l-intervenjenti rtirat, kemm fil-Kawża T-22/13 kif ukoll fil-Kawża T-23/13, it-tieni talba tagħha li permezz tagħha talbet lill-Qorti Ĝeneralis tibgħat il-kawża lura quddiem l-UASI.

1 — Qed jiġu riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ĝeneralis tqis utli għall-pubblikkazzjoni.

## **Id-dritt** [omissis]

*Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 6/2002 [omissis]*

- 26 Disinn għalhekk jitqies li ġie żvelat ladarba l-parti li ssostni l-iżvelar tiegħu tkun ipprovat il-fatti li jikkostitwixxu dan l-iżvelar. Min-naħa l-oħra, sabiex tikkonfuta din il-preżunzjoni, il-parti li tikkontesta l-iżvelar għandha tiprova suffiċċentement skont il-liġi li ċ-ċirkustanzi tal-każ setgħu raġonevolment jimpidixxu li dawn il-fatti jsiru magħrufa fil-kors normali tal-kummerċ miċ-ċirkli speċjalizzati tas-settur ikkonċernat.
- 27 Barra minn hekk, il-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 6/2002 tapplika indipendentemente mill-post fejn seħħew il-fatti li jikkostitwixxu l-iżvelar, għaliex mill-ewwel sentenza ta' dan l-artikolu jirriżulta li ma huwiex meħtieġ, sabiex disinn jitqies li ġie żvelat lill-pubbliku għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 5 u 6 ta' dan ir-regolament, li l-fatti li jikkostitwixxu l-iżvelar ikunu seħħew fit-territorju tal-Unjoni (sentenza tat-13 ta' Frar 2014, H. Gautzsch Großhandel, C-479/12, Ġabro, EU:C:2014:75, punt 33).
- 28 Għandu jiġi speċifikat li l-kwistjoni jekk il-persuni li jifformaw parti miċ-ċirkli speċjalizzati tas-settur ikkonċernat setgħux raġonevolment ikunu jafu b'avvenimenti li seħħew barra mit-territorju tal-Unjoni hija kwistjoni ta' fatt li r-risposta għaliha tiddependi mill-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi speċifiċi għal kull kawża (sentenza H. Gautzsch Großhandel, punt 27 iktar 'il fuq, EU:C:2014:75, punt 34).
- 29 Sabiex titwettaq l-evalwazzjoni msemmija mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk, abbażi tal-provi fattwali, li għandhom jiġu prodotti mill-parti li tikkontesta l-iżvelar, hemmx lok li jitqies li dawn iċ-ċirkli ma kellhomx realment il-possibbiltà li jsiru jafu bil-fatti li jikkostitwixxu l-iżvelar, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni dak li jista' raġonevolment jintalab min-naħħa ta' dawn iċ-ċirkli sabiex ikunu jafu l-istat ta' arti preċedenti. Sabiex jingħata eżempju, dawn il-provi fattwali jistgħu jirrigwardaw il-kompożizzjoni taċ-ċirkli speċjalizzati, il-kwalifikasi, l-użanzi u l-komportamenti tagħhom, il-firxa tal-attivitajiet tagħhom, il-preżenza tagħhom waqt l-avvenimenti li matulhom jiġu ppreżentati disinni, il-karatteristiċi tad-disinn inkwistjoni, bħall-interdipendenza tiegħu ma' prodotti jew setturi oħra, u l-karatteristiċi tal-prodotti li fihom ġie integrat id-disinn inkwistjoni, b'mod partikolari il-livell tekniku tal-prodott ikkonċernat. Fi kwalunkwe każ, disinn ma jistax jitqies li huwa magħruf fil-kors normali tal-kummerċ jekk iċ-ċirkli speċjalizzati tas-settur ikkonċernat ikunu jistgħu jiskopru biss b'kumbinazzjoni.

[omissis]

- 36 F'dak li jirrigwarda l-argument li l-umbrella koperta mill-privattiva preċedenti qatt ma ġiet prodotta, fatt li barra minn hekk la ġie kkontestat mill-UASI u lanqas mill-intervenjenti, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 6/2002 bl-ebda mod ma jeħtieġ li d-disinn preċedenti invokat mill-parti li topponi jkun intuża għall-finijiet tal-produzzjoni jew tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott.
- 37 Madankollu, il-fatt li disinn qatt ma ġie inkorporat fi prodott ikun rilevanti biss fil-każ li r-rikorrenti tkun ipprovat li ċ-ċirkli speċjalizzati tas-settur ikkonċernat ġeneralment ma jikkonsultawx ir-reġistri tal-privattivi jew li ċ-ċirkli speċjalizzati tas-settur ikkonċernat ġeneralment ma jagħtu ebda importanza lill-privattivi, b'mod partikolari lill-privattivi Amerikani. F'dawn il-każżejjiet, l-argument tan-nuqqas ta' eżistenza fis-suq tal-umbrelel koperti mill-privattiva preċedenti jista' jdghajje il-plawżibbiltà tal-fatt li ċ-ċirkli speċjalizzati tas-settur ikkonċernat setgħu kienu jafu bil-privattiva preċedenti permezz ta' mezzi oħra ta' informazzjoni. Fil-każ preżenti, il-fatt li l-umbrella koperta mill-privattiva preċedenti qatt ma ġiet prodotta jipprova li ċ-ċirkli speċjalizzati tas-settur ikkonċernat ma setgħux ikunu jafu bil-privattiva preċedenti permezz tar-reklamar, tal-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni jew tal-katalgi.

Madankollu, dan il-fatt ma huwiex suffiċjenti sabiex jipprova li ċ-ċirkli speċjalizzati tas-settur ikkonċernat ma setgħux raġonevolment ikunu jafu biha mod ieħor, bħal pereżempju bl-għajjnuna ta' konsultazzjoni tar-reġistru Amerikan tal-privattivi permezz tal-internet.

[omissis]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Id-deċiżjonijiet tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-26 ta' Settembru 2012 (Każijiet R 2453/2010-3 u R 2459/2010-3), huma annullati.**
- 2) **Impliva BV għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, terz tal-ispejjeż ta' Senz Technologies BV.**
- 3) **Senz Technologies għandha tbat żewġ terzi tal-ispejjeż tagħha.**
- 4) **L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.**

Dittrich

Schwarcz

Tomljenović

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Mejju 2015.

Firem